MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 60/2000

Il- Pulizija
(Supretendent Lawrence Cutajar,
Spettur Walter Spiteri)

Vs

Jason Farrugia

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Jason Farrugia ta' 30 sena bin Joseph u M' Rose mitwielda Aquilina mwieled Pieta' u joqghod 2, Triq is-Suq, Qrendi. I. D. Card No: 43274 (M).

Talli fid- 29 ta' Marzu 2000 ghall- habta ta' 1.45 p.m. fil- kumpless tal- fabbrika tan- nar ta' Lourdes tal- Qrendi li tinsab f' wied il- Hofra, Qrendi immanifattura

xi xogholijiet tan- nar jew ghen f’ dik il- manifattura minghajr licenzja minn ghand il- Kummissarju tal- Pulizija.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u id- dokumenti kollha.

Ikkonsidrat.

1. Fid- 29 ta’ Marzu 2000 ghal habta tas- 2.00 p.m. sehhet spluzzjoni mal- hajt ta’ barra ta’ Lourdes Fireworks Factory. L- akkuzat ma kellux licenzja li jahdem in- nar jew kien ghamel kors biex igib il- licenzja B biex ikun jista’ jghin persuni li jkollhom licenzja A. Dawn ta’ l- ahhar skond il- ligi huma kwalifikati fil- manifattura u s- sorveljanza ta’ xogholijiet tan- nar. Ghall- habta tas- 1.00p.m. mar il- kamra tan- nar.

“Mort f’ dik il- kamra li hemm fuq in- naha tal- lemin tal- magazine area u minn hemm hadt tahlita tal- bomba li diga’ kienet imhallta mort taht is- sigra tal- harrub u bdejt nimla xi bombi tal- hames pulzieri diametru. Meta kont imlejt xi hamsa minn dawn il- bombi, iddecidejt li nnaddaf l- akkwati meta f’ daqqa wahda rajt xi dhahen minn hdejn il- gebel li kont qed nahdem fuqhom. Tlaqt nigri u smajt spluzzjoni li kienet segwita minn ohra ikbar.” Wegga hafif.

2. Ghalhekk jirrizulta li minghajr permess tal- pulizija l- akkuzat immanifattura xoghol tan- nar. Dahal gol kamra, gab it- tahlita u qaghad wara il- hajt tal- kumpless. Ma jistax l- akkuzat jghid li mhux hati ghax ma kienx gol fabbrika imma gie ezatt mal- hajt taghha fuq barra. L- akkuzat ma giex mixli dwar it- tahlita li kien qed jghamel.

3. Il- Qorti rat l- art 4 (1) ta’ l- Avviz Legali 243 ta’ l- 1998, kif amendat bl- Avviz Legali 266 ta’ 1998, 122 u 123 ta’ l- 1999 (rega gie amendat darbtejn fl- 2001 imma dan il- kaz gara fid- 29 ta’ Marzu 2000) maghmul taht il- Kap 33 ta’ Ligijiet ta’ Malta, issib lil akkuzat hati taht l- imsemmi art 4 (1) u tikkundannah mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------